**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70/2017

**14 ta' Gunju, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera

### SKUZAT:

Ivan Agius – Viċi Sindku
James Cauci – Kunsillier
Nyah Spiteri – Kunsilliera

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

70.1.1 Is-Sindku qrat ittra li permezz taghha il-Kunsillier Ivan Agius talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-attendenza tieghu minhabba ragunijiet ta' xoghol.

70.1.2 Fuq proposta tas-Sa. Alison ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-assenza tas-Sur Ivan Agius kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

70.1.3 Is-Sindku qrat e-mail li permezz taghha il-Kunsillier James Cauchi talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-attendenza tieghu minhabba ragunijiet personali.

70.1.4 Fuq proposta tas-Sa. Alison ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-assenza tas-Sur James Cauchi kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

70.1.5 Is-Sindku qrat ittra li permezz taghha il-Kunsilliera Noyah Spiteri talbet lill-Kunsill Lokali jiskuza l-attendenza taghha minhabba ragunijiet ta' studju.

70.1.6 Fuq proposta tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-assenza tas-Sa. Noyah Spiteri kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

**70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

70.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 69 hekk kif emendati kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

70.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas- Sa. Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

70.3.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu gew iffinalizzati t-thejjijiet ghall-attivita' li kienet ser tkun qieghda tittella' mill-Agenzija APPOGG bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali nhar il-Hadd 18 ta' Gunju 2017. Is-Sa. Zerafa

Civelli ghaddiet lill-Kunsilliera prezenti dettalji tal-attivita' nnifisha.

70.3.2 Is-Sindku fakkret lill-Kunsilliera prezenti b'laqgha ghall-pubbliku li kienet ser tinzamm nhar it-Tnejn 19 ta' Gunju 2017. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kienet giet ikkonfermata l-prezenza ta' LESA u Green MT. Segwiet diksussjoni libera dwar il-materja.

70.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi bil-ghan illi tigi sottomessa applikazzjoni ghall-iskema ta' fond kulturali varat mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, kien inholoq kumitat illi kellu l-ghan ewlieni li jfassal attivita' fuq firxa ta' tliet snin u jifformola applikazzjoni li kellha mbaghad tigi sottomessa lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

## 70.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

70.4.1 Ma kienx hemm.

## 70.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

70.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru6/17) ghall-approvazzjoni.

70.5.2 Fuq proposta tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

70.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Mejju 2017 ghall-approvazzjoni.

70.5.4 Fuq proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 70.6 Sejhiet ghall-Offerti

70.6.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti numru KLBO01/2017, il-Kunsill Lokali kien gie infurmat minn Dr. Byron Camilleri illi minhabba ragunijiet personali ma setax iwettaq xogholu bhala evalwatur tal-offerti sottomessi

70.6.2 Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Cachia Belli ssekondat mis-Sur Roderick Mamo,il-Kunsill unanimament qabel illi s-Sur Lydon Vella kellu jinhatar evalwatur fis-sejha ghall-offerti numru KLBO01/2017 minflod Dr. Byron Camilleri.

70.6.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma' Environmental Landscapes Consortium Ltd. (KLBO01/2016) kien wasal biex jaghlaq u ghaldaqstant il-Kunsill Lokali kellu jiehu decizjoni jekk jestendix il-kuntratt b'sena hekk kif legalment permessibbli.

70.6.4 Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo ssekondat mis-Sa. Alison Zerafa Civelli, il-Kunsill unanimament approva li l-kuntratti jigi estiz b'sena.

## 70.7 Grawnds Peppi Delceppo

70.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet instabet diffikulta' fix-xiri tas-sehem ta' negozjant privat, il-Kunsill Lokali kien hadem bil-ghan illi tinstab soluzzjoni ghall-materja. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet qieghda tiltaqa' ma terzi bil-possibilita' illi jinstab investiment li jkun jista' jirratifika s-sitwazzjoni.

70.7.2 Is-Sa. Alison Zerafa Civelli tenniet illi kienet ser tkun qieghda zzomm lill-Kunsill Lokali aggornat b'eventwali zviluppi li seta' jkun hemm dwar il-materja msemmija.

## 70.8 Pozizzjoni ta' Ufficjal Ezekuttiv

70.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi minhabba l-fatt li matul il-gimghat precedenti ghas-seduta kienet inzammet Elezzjoni Generali, u in-vista ta' cirkulari li kienet inharget, il-process ghal-holqien ta' pozizzjoni ta' Ufficjal Ezekuttiv kien gie mwaqqaf. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-process kien ser ikun qieghd jitkompla u sahqet illi fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu jilhaq jahtar bord ta' persuni li jintervistaw lill-applikanti.

70.8.2 Wara diskussjoni libera, filwaqt likien hemm qbil mal-proposta tas-Sindku, gie deciz illi l-bord kellu jkun kompost mis-Sindku flimkien mal-Kunsilliera kollha u s-Segretarju Ezekuttiv.

## 70.9 Vetturi tal-Kunsill Lokali

70.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni kienet qieghda tiehu hsieb il-preparament tal-vetturi elettrici li kienu inxtraw. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kienet giet installata sistema ta' UHF Radios u kienu waslu fil-final il-preparamenti sabiex l-istess vetturi jigu mghammra b'GPS *tracking.*

70.9.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-vettura KBI323, il-kumpanija ta' assikurazzjoni kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi ma kienx vijabbli illi hsarat li kellha l-istess vettura jissewwew u offriet lill-Kunsill Lokali s-somma ta' €1500 (u l-Kunsill Lokali jinghata l-vettura in-kwistjoni) jew €2300 (u l-kumpanija ta' assikurazzjoni zzomm il-vettura).
Is-Sindku ziedet tghid illi l-Kunsill Lokali kien fil-frattemp qieghed jahdem fuq stima minghand tellar u kienet ser tkun qieghda zzomm lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li seta' jkun hemm b'konnessjoni mal-materja.

**70.10 Rapporti**

70.10.1 Is-Sindku pprezentat rapport dwar korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li kien jirrikjedi decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- B'referenza ghal e-mail datata 13 ta' Gunju 2017 minghand is-Sur Kevin Mercieca, librar , gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza ta' €100 bil-ghan illi jinxtraw ghaxar kotba bil-lingwa maltija ghal-librerija tal-lokalita'.
- Fuq talba ta' residenti kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi lampa skunnettjata li kienet tinstab biswit BLK 7B, San Gwann t'Ghuxa, kellha tigi mwahha fi Triq Carmelo Mifsud Bonnici u jigi avvjat il-process sabiex tinxteghel.

**70.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

70.11.01 Il-laqgħa intemmet fit-8:25pm wara li giet ezawrita l-agenda,u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 13 ta' Lulju, 2017 fis-6.30pm.

Konfermati, illum 13 ta' Lulju, 2017

*IFFIRMATA* *IFFIRMATA*

**Alison Zerafa Civelli** — Sindku

**Duncan Hall** — Segretarju Eżekuttiv